

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għoddha ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

DEĊIJONI TAL-KUNSILL 2010/656/PESK

tad-29 ta' Ottubru 2010

li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire

(ĠU L 285, 30.10.2010, p. 28)

Emendata minn:

Ġurnal Ufficijali

		Nru	Paġna	Data
► M1	Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/801/PESK tat-22 ta' Diċembru 2010	L 341	45	23.12.2010
► M2	Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/17/PESK tal-11 ta' Jannar 2011	L 11	31	15.1.2011
► M3	Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/18/PESK tal-14 ta' Jannar 2011	L 11	36	15.1.2011
► M4	Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/71/PESK tal-31 ta' Jannar 2011	L 28	60	2.2.2011
► M5	Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/221/PESK tas-6 ta' April 2011	L 93	20	7.4.2011

▼B**DEĊIJONI TAL-KUNSILL 2010/656/PESK****tad-29 ta' Ottubru 2010****li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-13 ta' Diċembru 2004, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2004/852/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Kosta tal-Avorju⁽¹⁾ sabiex jiġu implementati l-miżuri imposta kontra l-Côte d'Ivoire bir-Riżoluzzjoni 1572(2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (minn hawn 'il quddiem "UNSCR").
- (2) Fit-23 ta' Jannar 2006, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2006/30/PESK⁽²⁾ li ġġedded il-miżuri restrittivi imposta kontra l-Kosta tal-Ivorju bil-Pożizzjoni Komuni 2004/852/PESK għal perijodu ulterjuri ta' tnax-il xahar, u li tissupplimentahom bil-miżuri restrittivi imposta bil-punt 6 tal-UNSCR 1643(2005).
- (3) Wara t-tiġdid tal-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire bil-UNSCR 1842 (2008), fit-18 ta' Novembru 2008, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2008/873/PESK⁽³⁾ li ġġedded ulter-jorment il-miżuri restrittivi imposta kontra l-Côte d'Ivoire, b'effett mill-1 ta' Novembru 2008.
- (4) Fil-15 ta' Ottubru 2010, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta l-UNSCR 1946 (2010) li ġeddet il-miżuri imposta kontra l-Côte d'Ivoire bil-UNSCR 1572(2004) u l-punt 6 tal-UNSCR 1643 (2005) sat-30 ta' April 2011 u li emendat il-miżuri restrittivi fuq l-armi.
- (5) Il-miżuri restrittivi imposta kontra l-Côte d'Ivoire għandhom għalhekk jiġġeddu. Minbarra l-eżenzjonijiet għall-embargo fuq l-armi previsti fil-UNSCR 1946 (2010), hu adatt li jiġu emendati l-miżuri restrittivi sabiex jiġi eżent tagħmir ieħor inkluż awtonomament mill-Unjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 368, 15.12.2004, p. 50.

⁽²⁾ ĠU L 19, 24.1.2006, p. 36.

⁽³⁾ ĠU L 308, 19.11.2008, p. 52.

▼B

- (6) Il-miżuri ta' implementazzjoni tal-Unjoni huma mniżza fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 174/2005 tal-31 ta' Jannar 2005 li jimponi restrizzjonijiet dwar il-forniment ta' assistenza relatata ma' attivitajiet militari lill-Côte d'Ivoire ⁽¹⁾, ir-Regolament (KE) Nru 560/2005 tat-12 ta' April 2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fil-Kosta tal-Avorju ⁽²⁾ u r-Regolament (KE) Nru 2368/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 li jimplimenta l-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-Kimberley Proċess fil-kummerċ internazzjonali ta' djamanti mhux maħduma ⁽³⁾.

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI,

Artikolu 1

- Il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' armi u materjal relatat ta' kull tip, inklużi armi u munizzjoni, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari u partijiet ta' rikambju għal dawk imsemmija qabel, kif ukoll tagħmir li jista' jintuża għal ripressjoni interna, lill-Côte d'Ivoire miċ-ċittadini tal-Istati Membri jew mit-territorji tal-Istati Membri jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru tal-bandiera tal-Istati Membri għandhom ikunu ipprojbiti, irrispettivament minn jekk tali armi, materjal relatat u tagħmir joriġinawx fit-territorji tal-Istati Membri jew le.

- Għandhom ikunu pprojbiti wkoll:

- il-provvista, diretta jew indiretta, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 jew relatati mal-provvista, il-manifatturar, il-manutenzjoni u l-użu ta' tali oġġetti, lil kwalunkwe persuna fiżika jew legali, entità jew korp fi, jew għall-użu fil-Côte d'Ivoire;
- il-provvista, diretta jew indiretta, ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1, inklużi b'mod partikolari għotjet, self u assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' tali oġġetti, jew għall-provvista ta' assistenza teknika relatata, senserija jew servizzi oħra lil kwalunkwe persuna fiżika jew legali, entità jew korp fi, jew għall-użu fil-Côte d'Ivoire.

Artikolu 2

L-Artikolu 1 m'għandux japplika ġħal:

- il-provvisti u l-assistenza teknika maħsubin unikament għas-sostenn ta' jew l-użu mill-Operazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Côte d'Ivoire u l-forzi Franċiżi li jappoġġawhom;

⁽¹⁾ ĠU L 29, 2.2.2005, p. 5.

⁽²⁾ ĠU L 95, 14.4.2005, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 358, 31.12.2002, p. 28.

▼B

- (b) dan li ġej, kif approvat bil-quddiem mill-Kumitat stabbilit bil-paragrafu 14 tal-UNSCR 1572 (2004) (minn hawn ‘il quddiem “Kumitat tas-Sanzjonijiet”):
- (i) il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta’ tagħmir militari mhux letali maħsub unikament għal użu umanitarju jew protettiv, inkluż tali tagħmir maħsub għall-operazzjonijiet ta’ maniġġar ta’ kriżijiet tal-Unjoni, in-NU, l-Unjoni Afrikana u l-ECOWAS,
 - (ii) il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta’ tagħmir mhux letali maħsub unikament sabiex il-forzi ta’ sigurtà tal-Côte d’Ivoire jkunu jistgħu jużaw biss forza adatta u proporzjonata fiż-żamma tal-ordni pubblika,
 - (iii) il-provvista ta’ finanzjament u assistenza finanzjarja relatati mat-tagħmir imsemmi fil-punti (i) u (ii),
 - (iv) il-provvista ta’ assistenza teknika u tħriġ relatati mat-tagħmir imsemmi fil-punti (i) u (ii);
- (c) il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta’ ilbies protettiv, inklużi ġkieket għall-flak u elmi militari, esportati temporanjament lejn il-Côte d’Ivoire minn persunal tan-Nazzjonijiet Uniti, mill-persunal tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, minn rappreżentanti tal-midja u ħaddiema umanitarji u ħaddiema impiegati fl-iżvilupp u l-persunal assoċjat għall-użu personali tagħhom biss;
- (d) bejgħ jew provvisti trasferiti jew esportati temporanjament lejn il-Côte d’Ivoire lill-forzi ta’ Stat li jkun qed jieħu azzjoni, f’konformità mad-dritt internazzjonali, unikament u direttament biex jiffaċilita l-evakwazzjoni taċ-ċittadini tiegħu u ta’ dawk li lejhom għandu responsabbiltà konsulari fil-Côte d’Ivoire, kif notifikat bil-quddiem lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet;
- (e) il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta’ armi u materjal relata u tħriġ u assistenza teknika maħsuba unikament għas-sostenn jew ta’, jew għall-użu fil-proċess ta’ ristrutturar ta’ forzi ta’ difiża u ta’ sigurtà skont il-paragrafu 3, subparagrafu (f) tal-Ftehim Linas-Marcoussis, kif approvat minn qabel mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet;
- (f) il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta’ tagħmir mhux letali li jista’ jintuża għar-ripressjoni interna u li hu maħsub unikament biex il-forzi ta’ sigurtà tal-Côte d’Ivoire jkunu jistgħu jużaw biss forza adatta u proporzjonata fiż-żamma tal-ordni pubblika, kif ukoll il-forniment ta’ finanzjament, assistenza finanzjarja jew assistenza teknika u tħriġ relatati ma’ tali tagħmir.

▼B*Artikolu 3*

L-importazzjoni diretta jew indiretta tad-djamanti kollha mhux maħduma mill-Côte d'Ivoire għall-Unjoni, kemm jekk tali djamanti oriġinaw mill-Côte d'Ivoire jew le, għandha tkun projbita f'konformità mal-UNSCR 1643 (2005).

▼M1*Artikolu 4*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ġħall-prevenzjoni tad-dħul jew it-transitu fit-territorji tagħhom:

(a) tal-persuni msemmija fl-Anness I, maħtura mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet li jikkostitwixxu theddida ġħall-proċess ta' paċi u ta' rikoncīlazzjoni nazzjonali fil-Côte d'Ivoire, b'mod partikolari dawk li jostakolaw l-applikazzjoni tal-Ftehimiet Linas-Marcoussis u Accra III, ta' kull persuna oħra li hija rikonoxxuta bħala responsabbi għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali fil-Côte d'Ivoire abbażi tal-informazzjoni rilevanti, ta' kwalunkwe persuna oħra li pubblikament tinċita l-mibegħda u l-vjolenza, kif ukoll ta' kwalunkwe persuna oħra li l-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun iddetermina li qed tikser il-miżuri stabbiliti mill-paragrafu 7 tar-Riżoluzzjoni 1572 (2004) tal-KSNU.

(b) tal-persuni msemmija fl-Anness II, li mħumiex inklużi fil-lista li tinsab fl-Anness I u li jostakolaw il-proċess ta' paċi u rikoncīlazzjoni nazzjonali u b'mod partikolari dawk li jheddu l-eżitu adatt tal-proċess elettorali.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 m'għandhomx jobbligaw Stat Membru li jirrifjuta d-dħul taċ-ċittadini tiegħu stess fit-territorju tiegħu.

3. Il-paragrafu 1(a) m'għandux jaapplika jekk il-Kumitat tas-Sanzjonijiet jiddetermina:

- a) li vjaġġik ikun ġustifikat għal raġunijiet umanitarji urgħenti, inklużi l-obbligi reliġjużi;
- b) li eżenzjoni tippromwovi t-twettiq tal-objettivi tar-Riżoluzzjoni jiet tal-KSNU, jiġifieri l-paċi u r-rikoncīlazzjoni nazzjonali fil-Côte d'Ivoire u l-istabbiltà fir-reġjun.

4. Il-paragrafu 1 għandu jaapplika mingħajr preġudizzju għall-każijiet fejn Stat Membru ikun marbut b'obbligu ta' dritt internazzjonali, jiġifieri:

- (i) bħala pajiż li jospita organizazzjoni intergovernattiva internazzjonali;
- (ii) bħala pajiż li jospita konferenza internazzjonali mlaqqa' min-Nazzjonijiet Uniti, jew li ssir taħt l-awspiċi tagħhom;
- (iii) skont ftehim multilaterali li jagħti privileġġi u immunitajiet;
- (iv) skont it-Trattat ta' Konċilazzjoni (il-Patt tal-Lateran) konkluż fl-1929 bejn is-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja.

▼M1

5. Il-paragrafu 4 għandu jitqies bħala applikabbli anki f'każijiet fejn Stat Membru huwa pajiż li jospita l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

6. Il-Kunsill għandu jkun debitament infurmat bil-każijiet kollha fejn Stat Membru jagħti eżenzjoni skont il-paragrafu 4 jew 5.

7. L-Istat Membri jistgħu jagħtu eżenzjoni mill-miżuri stabbiliti fil-paragrafu 1(b) meta è-ċaqliq ta' persuna jkun ġustifikat għal raġunijiet umanitarji urgħenti, jew meta l-persuna tiċċaqlaq biex tattendi laqgħat intergovernattivi, inklużi laqgħat organizzati mill-Unjoni Ewropea, jew laqgħat ospitati minn Stat Membru li jkollu l-presidenza tal-OSKE fdak iż-żmien, meta jsir djalogu politiku li jippromwovi direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-Istat tad-Dritt fil-Côte d'Ivoire.

8. Stat Membru li jixtieq jagħti eżenzjonijiet skont il-paragrafu 7 għandu jinnotifika lill-Kunsill b'dan bil-miktub. L-eżenzjoni titqies bħala mogħtija bil-kondizzjoni li Membru wieħed jew aktar tal-Kunsill ma jopponix bil-miktub fil-jumejn ta' xogħol wara li tīgi rċevuta n-notifika inkwistjoni. Jekk Membru tal-Kunsill wieħed jew aktar jopponi, il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

9. Meta, skont il-paragrafi 4, 5 u 7, Stat Membru jawtorizza d-dħul jew it-transitu fit-territorju tiegħu tal-persuni elenkti fl-Anness I jew II, din l-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għall-objettiv li għalihi tingħata u għall-persuni li tikkonċerna.

▼M3*Artikolu 5*

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li huma l-proprietà ta' jew ikkontrollati, direttament jew indirettament, minn:

(a) persuni msemmija fl-Anness I innominati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u msemmija fl-Artikolu 4(1)(a), jew li huma miżmuma minn entitajiet li huma fil-pusseß ta' jew ikkontrollati direttament jew indirettament minnhom jew minn kwalunkwe persuna li qiegħda taġixxi f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, kif identifikati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet;

(b) persuni jew entitajiet imsemmija fl-Anness II, li mħumiex inklużi fil-lista li tinsab fl-Anness I u li jostakolaw il-proċess ta' paċi u rikonċiljazzjoni nazzjonali, u b'mod partikolari dawk li jheddu l-eżitu adatt tal-proċess elettorali, jew li huma miżmuma minn entitajiet li huma fil-pusseß ta' jew ikkontrollati direttament jew indirettament minnhom jew minn kwalunkwe persuna li qiegħda taġixxi f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom,

għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fond, ass finanzjarju jew riżors ekonomiku ma għandu jsir disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għall-benefiċċju tal-persuni jew l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1.

3. L-Isati Membri jistgħu jippermettu eżenzjonijiet mill-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 fir-rigward ta' fondi u riżorsi ekonomiċi li huma:

(a) meħtieġa għal spejjeż bażiċi, inklużi ħlasijiet għal oġġett tal-ikel, kera jew ipoteka, mediċini u kura medika, taxxi, poloz ta' assigurazzjoni, u ħlasijiet għall-użu ta' servizzi pubbliċi;

▼M3

- (b) maħsubin esklussivament għall-ħlas ta' drittijiet professjoni raġonevoli u għar-rimborż ta' spejjeż li huma assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;
- (c) maħsubin esklużivament għall-ħlas ta' onorarji jew kontijiet għal servizz, skont il-liggi jistgħad nazzjonali, għal servizzi ta' rutina fiż-żamma jew il-manteniment ta' fondi ffriżati, jew riżorsi ekonomiċi;
- (d) meħtieġa għal spejjeż straordinajri;
- (e) is-soġġett ta' sentenza jew garanzija ġuridika, amministrattiva jew arbitrali, li f'tali każ il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi jistgħidu jidher biex jissodisfaw dik il-garanzija jew sentenza sakemm il-garanzija jew is-sentenza kienet iskritta qabel ma l-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew il-Kunsill indika lill-persuna jew l-entità kkonċernata, u mhixiex għall-benefiċċju ta' persuna jew entità msemmija f'dan l-Artikolu.

Fir-rigward ta' persuni u entitajiet elenkti fl-Anness I:

- l-eżenzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jistgħidu mill-Istat Membru kkonċernat wara notifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-intenzjoni tiegħi li jawtorizza, fejn adatt u fin-nuqqas ta' deċiżjoni negattiva mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet fi żmien jumejn ta' ħidma minn tali notifika, aċċess għal tali fondi u riżorsi ekonomiċi.
- l-eżenzjoni msemmija fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu tista' ssir mill-Istat Membru kkonċernat wara notifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u approvazzjoni minn dan tal-aħħar;
- l-eżenzjoni msemmija fil-punt (e) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu tista' ssir mill-Istat Membru kkonċernat wara notifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet;

▼M5

3a. Rigward il-persuni u l-entitajiet elenkti fl-Anness II, l-Istati Membri jistgħidu jippermettu eżenzjonijiet mill-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għal fondi u riżorsi ekonomiċi li huma meħtieġa għal skopijiet umanitarji wara notifika bil-quddiem lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

3b. Il-paragrafu 1(b) ma għandux jimpedixxi lil persuna jew entità indikata milli twettaq ħlas dovut taħt kuntratt magħmul qabel l-elenkar ta' tali persuna jew entità, bil-kondizzjoni li l-Istat Membru rilevant ijkun iddetermina li l-ħlas ma jasalx, direttament jew indirettament, għand persuna jew entità msemmija fil-paragrafu 1(b).

▼M3

4. Il-paragrafu 2 m'għandux japplika għaż-żieda mal-kontijiet iffriżati ta':

- (a) imgħax jew qligħ ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew
- (b) ħlasijiet dovuti taħt kuntratti, ftehimiet jew obbligi li kienu konklużi jew li rriżultaw qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għall-miżuri restrittivi skont il-Pożizzjoni Komuni 2004/852/PESK jew din id-Deċiżjoni,

Dument li tali imgħax, qligħ u ħlasijiet oħra jkomplu jkunu soġġetti għall-paragrafu 1.

▼M5*Artikolu 5a*

Għandu jkun ipprojbit:

- (a) ix-xiri, senserija jew assistenza fil-ħruġ ta' bonds jew titoli ta' sigurtà maħruġa jew iggarantiti wara s-6 ta' April 2011 mill-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent GBAGBO, kif ukoll minn persuni jew entitajiet li jaġixxu f'ismu jew taħt l-awtorità tiegħu, jew minn entitajiet li huma l-proprietà tiegħu jew ikkontrollati minnu. Bħala eċċeżżjoni, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom ikunu awtorizzati jixtru dawk il-bonds jew titoli ta' sigurtà ta' valur korrispondenti għal bonds u titoli ta' sigurtà digħi fil-pussess tagħhom u li waslu biex jimmaturaw;
- (b) l-għoti ta' self, fi kwalunkwe forma, lill-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent GBAGBO, kif ukoll lil persuni jew entitajiet li jaġixxu f'ismu jew taħt l-awtorità tiegħu, jew lil entitajiet li huma l-proprietà tiegħu jew ikkontrollati minnu.

Ix-xiri, senserija u assistenza fil-ħruġ ta' bonds u titoli ta' sigurtà u l-għoti ta' self imsemmija fil-punti (a) u (b) ma għandhom jaġħtu lok għal ebda responsabbiltà ta' kwalunkwe tip min-naħa ta' persuni fīżi u ġuridiċi, entitajiet u korpi kkonċernati jekk ma kinux jafu, u ma kellhom ebda raġuni valida biex jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom jiksru dawn il-projbizzjonijiet.

▼M1*Artikolu 6*

1. Il-Kunsill għandu jistabbilixxi l-lista mniżżla fl-Anness I u jemendaha f'konformità mad-deċiżjonijiet meħudin mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew il-Kumitat tas-Sanzjonijiet.
2. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta minn Stat Membru jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandu jistabbilixxi l-lista li tidher fl-Anness II u jemendaha.

Artikolu 7

1. Meta l-Kunsill tas-Sigurtà jew il-Kumitat tas-Sanzjonijiet jaħtar persuna jew entità, il-Kunsill għandu jinkludi din il-persuna jew entità fil-lista mniżżla fl-Anness I.

▼M4

2. Fejn il-Kunsill jiddeċiedi li jissoġġetta persuna jew entità għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) u l-Artikolu 5(1)(b), għandu jemenda l-Anness II kif meħtieġ.

▼M1

3. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu lill-persuna jew l-entità kkonċernata, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar tagħha fil-lista, direttament, jekk l-indirizz tagħha huwa magħruf, jew permezz tal-pubblikkazzjoni ta' notifika, li tippordilha l-possibbiltà li tippreżenta kummenti.

4. Jekk jiġu fformulati kummenti jew jekk jiġu ppreżentati elementi ġodda ta' prova sostanzjali, il-Kunsill għandu jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna jew l-entità kif meħtieġ.

▼M1*Artikolu 8*

1. L-Annessi I u II għandhom jindikaw ir-raġunijiet għall-elenkar fil-lista tal-persuni u l-entitajiet, li huma pprovduti mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet fir-rigward tal-Anness I.
2. L-Annessi I u II għandu jkun fihom ukoll, jekk tkun disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-persuni jew tal-entitajiet ikkonċernati li hija pprovduta mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet fir-rigward tal-Anness I. Fir-rigward tal-persuni, din l-informazzjoni tista' tħinkludi l-isem u l-kunjom, inklużi l-psewdonimi, id-data u l-post tat-twelid, in-nazzjonalità, in-numru tal-passaport u dak tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz, jekk magħruf, il-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward tal-entitajiet, din l-informazzjoni tista' tħinkludi l-isem, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-indirizz professjonal. L-Anness I għandu jsemmi wkoll id-data tal-ħatra mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

▼B*Artikolu 9*

Il-Pożizzjonijiet Komuni 2004/852/PESK u 2006/30/PESK huma b'dan imħassrin.

▼MS*Artikolu 9a*

Biex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-miżuri mnijżżlin f'din id-Deċiżjoni, l-Unjoni għandha thegħegħ lil Stati terzi biex jadottaw miżuri restrittivi simili għal dawk li jinsabu f'din id-Deċiżjoni.

▼M3*Artikolu 10*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.
2. Għandha tiġi riveduta, emendata jew imħassra, kif ikun xieraq, f'konformità mad-deċiżjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.
3. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) u 5(1)(b) għandhom jiġu riveduti f'intervalli regolari u mill-inqas kull 12-il xahar. Huma m'għandhomx jibqgħu jaapplikaw fir-rigward tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati jekk il-Kunsill jistabbilixxi, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 6(2) li l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tagħhom m'għadhom jiġu sodisfatti.

▼MS

4. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 5(2), safejn jikkonċernaw il-portijiet elenkti fl-Anness II, għandhom jiġu riveduti mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2011.

▼B**►M1 ANNESS I ◀****▼M1****Lista tal-persuni msemmija fl-Artikolu 4(1)(a) u l-Artikolu 5****▼B**

	Isem (u psewdomini possibbli)	Informazzjoni għall-identifikazzjoni (data u post tat-twelid (d.t.t. u p.t.t.), numru tal-passaport (Pass.)/karta tal-identità eċċ.)	Raġunijiet għall-indikazzjoni	Data tal-indikazzjoni min-NU
1.	BLÉ GOUDÉ, Charles (psew-donomu Général; Génie de kpo, Gbapé Zadi)	<p>d.t.t.: 1.1.1972 Ċittadinanza: Ivorjana P.: 04LE66241 République de Côte d'Ivoire Maħruq fil: 10.11.2005 validu sal-9.11.2008</p> <p>PD.: AE/088 DH 12 République de Côte d'Ivoire maħruq fil-20.12.2002 validu sal-11.12.2005</p> <p>P.:98LC39292 République de Côte d'Ivoire maħruq fil-24.11.2000 validu sal-23.11.2003</p> <p>Post tat-twelid: Guibéroua (Gagnoa) jew Niagbraho/Guiberoua jew Guiberoua</p> <p>Indirizz magħruf fl-2001: Yopougon Selmer, Bloc P 170; ukoll Hotel Ivoire</p> <p>Indirizz iddiķjarat fid-dokument tal-ivvjaġġar n. C2310421 maħruq mill-Isvizzera fil-15.11.2005 u validu sal-31.12.2005: Abidjan, Cocody</p>	<p>Mexxej tal-COJEP ("Patrijotti Żgħażagħ") Dikjarazzjonijiet pubbliċi ripetuti li jħeġġu l-vjolenza kontra l-installazzjonijiet u l-personal tan-Nazzjonijiet Uniti u kontra l-barranin; direzzjoni ta' u parteċipazzjoni f'atti ta' vjolenza minn milizja tat-toroq, inklużi swat, stupri u eżekuzzjonijiet ekstraġudizzjarji intimidażżjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Grupp ta' Ħidma Internazzjoanli (IWG), l-oppożizzjoni politika u l-istampa indipendent; sabotaġġ tal-istazzjonijiet tar-radju internazzjonali; ostakolu għall-azzjoni tal-IWG, l-Operazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Côte d'Ivoire (UNOCI), il-Forzi Franċiżi u l-proċess ta' paċi kif definit bir-Riżoluzzjoni 1643 (2005).</p>	fis-7 ta' Frar 2006.
2.	DJUÉ, Eugène N'goran Kouadio	<p>d.t.t.: 1.1.1966 jew 20.12.1969 Ċittadinanza: Ivorjana P.: 04 LE 017521 maħruq fl-10 ta' Frar 2005 u validu sal-10 ta' Frar 2008</p>	<p>Mexxejj tal-Union des Patriotes pour la Libération Totale de la Côte d'Ivoire (UPLTCI). Dikjarazzjonijiet pubbliċi ripetuti li jħeġġu l-vjolenza kontra l-installazzjonijiet u l-personal tan-Nazzjonijiet Uniti u kontra l-barranin; direzzjoni ta' u parteċipazzjoni f'atti ta' vjolenza minn milizja tat-toroq, inklużi swat, stupri u eżekuzzjonijiet ekstraġudizzjarji, ostakolu għall-azzjoni tal-IWG l-UNOCI, il-forzi Franċiżi u l-proċess ta' paċi kif definit bir-Riżoluzzjoni 1643 (2005).</p>	fis-7 ta' Frar 2006.
3.	FOFIE, Martin Kouakou	<p>d.t.t.: 1.1.1968 Ċittadinanza: Ivorjana Post tat-twelid: BOHI, Cote d'Ivoire Burkina Faso Numru tal-Karta tal-Identità: 2096927 maħruġa fis-17 ta' Marzu 2005</p> <p>Burkina Faso Ċerifikat ta' Ċittadinanza: CNB N.076 (17 ta' Frar 2003)</p> <p>Isem il-missier: Yao Koffi FOFIE</p> <p>Isem l-omm: Ama Krouama KOSSONOU</p> <p>Numru tal-Karta tal-Identità tal-Côte d'Ivoire: 970860100249 maħruġa fil-5 ta' Awwissu 1997 valida sal-5 ta' Awwissu 2007</p>	<p>Chief Corporal New Force Commandant, Korhogo Sector. Forzi taħt il-kmand tiegħu impenjati fir-reklutaġġ ta' suldati tfal, ħtif, impożizzjoni ta'-xogħol infurzat, abbuż sesswali tan-nisa, arresti arbitrarji u eżekuzzjonijiet ekstrāġudizzjali, kontra l-konveżjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali: ostaklu għall-azzjoni tal-IWG, l-UNOCI, il-forzi Franċiżi u l-proċess ta' paċi kif definit bir-Riżoluzzjoni 1643 (2005).</p>	fis-7 ta' Frar 2006.

▼B

	Isem (u psewdonomi possibbi)	Informazzjoni għall-identifikazzjoni (data u post tat-tweliid (d.t.t. u p.t.t.), numru tal-passaport (Pass.)/karta tal-identità eċċ.)	Raġunijiet għall-indikazzjoni	Data tal-indikazzjoni min-NU
▼M5				
4.	Laurent GBAGBO	Data tat-tweliid: 31 ta' Mejju 1945 Post tat-tweliid: Gagnoa, Côte d'Ivoire	Ex President tal-Côte d'Ivoire: ostakolar tal-proċess ta' paċi u rikonċiljazzjoni, ċaħda tar-riżultati tal-elezzjoni presidenzjali.	Data tal-indikazzjoni tan-NU: 30.3.2011 (indikazzjoni tal-Unjoni Ewropea: 22.12.2010)
5.	Simone GBAGBO	Data tat-tweliid: 20 ta' Ġunju 1949 Post tat-tweliid: Moossou, Grand-Bassam, Côte d'Ivoire	President tal-Grupp Parlamentari tal-Front Popolari Ivorjan (FPI): ostakolar tal-proċess ta' paċi u rikonċiljazzjoni, inċitament pubbliku għall-mibegħda u l-vjolenza.	Data tal-indikazzjoni tan-NU: 30.3.2011 (indikazzjoni tal-Unjoni Ewropea: 22.12.2010)
6.	Désiré TAGRO	Numru tal-passaport: PD – AE 065FH08 Data tat-tweliid: 27 ta' Jannar 1959 Post tat-tweliid: Issia, Côte d'Ivoire	Segretarju Ġenerali fl-hekk imsejħa "presidenza" tas-Sur GBAGBO: parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur GBAGBO, ostakolar tal-proċess ta' paċi u rikonċiljazzjoni, ċaħda tar-riżultati tal-elezzjoni presidenzjali, parteċipazzjoni f'repressjonijiet vjolenti ta' movimenti popolari.	Data tal-indikazzjoni tan-NU: 30.3.2011 (indikazzjoni tal-Unjoni Ewropea: 22.12.2010)
7.	Pascal AFFI N'GUESSAN	Numru tal-passaport: PD-AE 09DD00013. Data tat-tweliid: 1 ta' Jannar 1953 Post tat-tweliid: Bouadiko, Côte d'Ivoire	President tal-Front Popolari Ivorjan (FPI): ostakolar tal-proċess ta' paċi u rikonċiljazzjoni, inċitament għall-mibegħda u l-vjolenza.	Data tal-indikazzjoni tan-NU: 30.3.2011 (indikazzjoni tal-Unjoni Ewropea: 22.12.2010)
8.	Alcide DJÉDJÉ	Data tat-tweliid: 20 ta' Ottubru 1956 Post tat-tweliid: Abidjan, Côte d'Ivoire	Konsulent qrib tas-Sur GBAGBO: parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur GBAGBO, ostakolar tal-proċess ta' paċi u rikonċiljazzjoni, inċitament pubbliku għall-mibegħda u l-vjolenza.	Data tal-indikazzjoni tan-NU: 30.3.2011

▼M3*ANNESS II***Lista tal-persuni u l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 4(1)(b) u 5(1)(b)****A. Persuni**

	Isem (u psewdonomu possibbli)	Karatteristiċi ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
▼M5			
▼M3			
2.	Logutenant-Kurunell Nathanaël Ahouman Brouha	Imwieleed fis-6 ta' Ġunju 1960.	Kmandant tar-Raggruppament għas-Sigurtà tal-Presidenza tar-Repubblika (GSPR). Responsabbi għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali fil-Côte d'Ivoire; personalità militari li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
3.	Is-Sur Aké N'Gbo Gilbert Marie	Imwieleed fit-8 ta' Ottubru 1955 f'Abidjan Numru tal-passaport: 08 AA 61107 (skadenza t-2 ta' April 2014)	Allegatament Prim Ministru u Ministru tal-Ippjanar u l-Iżvilupp: Parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
4.	Is-Sur Pierre Israël Amessan Brou		Direttur Ġenerali tar-Radju u t-Televiżjoni Ivorjani (RTI): Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni permezz ta' inċitament pubbliku għall-mibegħda u l-vjolenza u permezz tal-parteċipazzjoni f'kampanji ta' informazzjoni żbaljata fir-rigward tal-elezzjoni presidenzjali tal-2010.
5.	Is-Sur Frank Anderson Kouassi		President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Komunikazzjoni Awdjoviżiva (CNCA): Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni permezz ta' inċitament pubbliku għall-mibegħda u l-vjolenza u permezz tal-parteċipazzjoni f'kampanji ta' informazzjoni żbaljata fir-rigward tal-elezzjoni presidenzjali tal-2010; personalità li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
6.	Is-Sinjura Nadiana Bamba	Imwielda fit-13 ta' Ġunju 1974 f'Abidjan Numru tal-passaport: PD - AE 061 FP 04	Direttriċi tal-Grupp Ċiklun, editriċi tal-Ġurnal "Le Temps": Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni permezz ta' inċitament pubbliku għall-mibegħda u l-vjolenza u permezz tal-parteċipazzjoni f'kampanji ta' informazzjoni żbaljata fir-rigward tal-elezzjoni presidenzjali tal-2010.
7.	Is-Sur Kadet Bertin	Imwieleed qrib l-1957 f'Mama.	Kunsillier għas-Sigurtà tas-Sur Gbagbo: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni, personalità li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament. Provokatur ta' movimenti ta' ripressjoni u intimidazzjoni.

▼M3

	Isem (u psewdomu possibbli)	Karatteristiċi ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
8.	General Dogbo Blé	Imwieleed fit-2 ta' Frar 1959 f'Daloa.	Kap tal-korp tal-Gwardja repubblikana: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni; responsabbi għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali fil-Côte d'Ivoire; personalità militari li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
9.	Is-Sur Bohoun Bouabré Paul Antoine	Imwieleed fid-9 ta' Frar 1957, f'Issia Numru tal-passaport: PD AE 015 FO 02	Ex Ministru tal-Istat, responsabbi għall-FPI: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni, jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali.
10.	Ufficijal distrettwali Oulaï Delefosse	Imwieleed fit-28 ta' Ottubru 1968	Responsabbi għall-Unjoni Patriotika ta'Reżistenza tal-Grand Ouest (UPRGO): Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni permezz tan-nuqqas ta' dīzarm u għax irrifjuta li jpoġġi lily nnifsu taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
11.	Ammiral Vagba Faussignau	Imwieleed fil-31 ta' Diċembru 1954 - f'Bobia.	Kmandant tal-Marina Ivorjana - Sotto kap tal-Persunal tal-Istat Maġġuri: Responsabbi għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali fil-Côte d'Ivoire; personalità militari li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
12.	Pasteur Gammi		Kap tal-Moviment Ivorjan għal-Liberazzjoni tal-Punent (MILOCI): Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni permezz tan-nuqqas ta' dīzarm u għax irrifjuta li jpoġġi lily nnifsu taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
▼M5			
▼M3			
15.	General Guiai Bi Poin	Imwieleed fil-31 ta' Diċembru 1954 f'Gounela.	Kap tas-CECOS (Ċentru tal-Kmand tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà): Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni; responsabbi għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali fil-Côte d'Ivoire; personalità militari li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
16.	Is-Sur Denis Maho Glofie	Imwieleed f'Val de Marne	Responsabbi mill-Front ta' Liberazzjoni tal-Grand Ouest (FLGO): Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni permezz tan-nuqqas ta' dīzarm u għax irrifjuta li jpoġġi lily nnifsu taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.

▼M3

	Isem (u psewdomu possibbli)	Karatteristiċi ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
17.	Kaptan Anselme Séka Yapo	Imwiele fit-2 ta' Mejju 1973 f'Adzopé	Gwardja tal-korp tas-Sinjura Gbagbo: Responsabbi għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali fil-Côte d'Ivoire; personalità militari li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.

▼M5

--	--	--	--

▼M3

19.	Is-Sur Yao N'Dré	Imwiele fid-29 ta' Diċembru 1956.	President tal-Kunsill Kostituzzjoni: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni, jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali. personalità li tirrifjuta li tpoġġi lilha nfisha taħt l-awtorità tal-President elett demokratikament.
20.	Is-Sur Yanon Yapo		Allegatament Għassies tas-Siġilli, Ministru tal-Ġustizzja u d-Drittijiet tal-Bniedem: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
21.	Is-Sur Dogou Alain	Imwiele fis-16 ta' Lulju 1964 f'Aboisso Numru tal-passaport: PD-AE/053FR05 (data ta' skadenza s-27 ta' Mejju 2011)	Allegatament Ministru tad-Difiża u s-Servizz Pubbliku: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
22.	Is-Sur Emile Guiriéoulou	Imwiele fl-1 ta' Jannar 1949 f'Guiglo Numru tal-passaport: PD-AE/008GO03 (data ta' skadenza l-14 ta' Marzu 2013)	Allegatament Ministru tal-Intern: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
23.	Is-Sur Charles Désiré Noël Laurent Dallo	Imwiele fit-23 ta' Diċembru 1955 f'Gagnoa Numru tal-passaport: 08AA19843 (data ta' skadenza t-13 ta' Ottubru 2013)	Allegatament Ministru tal-Ekonomija u l-Finanzi: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
24.	Is-Sur Augustin Kouadio Komoé	Imwiele fid-19 ta' Settembru 1961 f'Kokomain Numru tal-passaport: PD-AE/010GO03 (data ta' skadenza l-14 ta' Marzu 2013)	Allegatament Ministru tal-Minjieri u l-Enerġija: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
25.	Is-Sinjura Christine Adjobi Nebout (magħrufa bħala Aya Christine Rosalie Adjobi mwielda Nebout)	Imwieldha fl-24 ta' Lulju 1949 f'Grand Bassam Numru tal-passaport: PD-AE/017FY12 (data ta' skadenza l-14 ta' Diċembru 2011)	Allegatament Ministru tas-Saħħa u tal-ġlieda kontra l-AIDS: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u tirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.

▼M3

	Isem (u psewdomu possibbli)	Karatteristiċi ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
26.	Is-Sur Yapo Atsé Benjamin	Imwiedel fl-1 ta' Jannar 1951 f'Akoupé Numru tal-passaport: PD-AE/089GO04 (data ta' skadenza l-1 ta' April 2013); PS-AE/057AN06	Allegatament Ministru tal-Kostruzzjoni u l-Ippjanar Urban: Tfixkil tal-proċess ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni u jirrifjuta r-riżultat tal-elezzjoni presidenzjali permezz tal-parteċipazzjoni fil-gvern illeġittimu tas-Sur Laurent Gbagbo.
